# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 15

It-Tlieta 15 ta' Lulju 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar it-Tlieta 15 ta' Lulju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Il-Munxar

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

15.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost u ma jistax jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

15.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 14 ġew ċirkolati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

15.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

15.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

15.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa oħra mal-operaturi li qed jagħmlu użu mis-servizzi tal-*waste depot* fix-Xlendi sabiex issir pressjoni magħhom biex jisseparaw tajjeb l-iskart fil-kontenituri rispettivi. Is-Sindku spjega lill-membri kif il-Kunsill qed jeħel multi kbar f'dan ir-rigward u ser issir laqgħa ma' uffiċjali ta' WasteServ Malta Ltd u ma' CE Malta fil-jiem li ġejjin.

15.3.2 Is-Sindku għarraf ukoll lill-membri li d-Dipartiment tas-Sanita' reġa' fetaħ il-bajja tax-Xlendi għall-għawm wara kampjuni tal-ilma baħar li rriżultaw fil-pożittiv.

Kunsill Lokali Il-Munxar

15.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ressaq talba formali mad-Direttur tal-Wirt Kulturali s-Sur John Xuereb, sabiex tingħata għajnuna finanzjarja għall-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-lokalita'.

## 15.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

15.4.1 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar xi progress fuq il-proposta mressqa biex tiġi nstallata magna tar-riċiklaġġ tal-fliexken. Is-Sindku wieġeb li ġie nfurmat li l-kumpanija BCRS applikaw għall-permessi mill-awtoritajiet konċernati.

15.4.2 Il-Kunsillier John Cassar staqsa dwar progess fuq il-proposta sabiex l-mitħna sotterranja tax-Xlendi terġa' tinfetaħ għall-pubbliku. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ser jagħmel talba biex issir laqgħa ma' Heritage Malta għal ġestjoni ta' dan is-sit storiku.

## 15.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

15.5.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li l-Kunsill issottometta applikazzjoni għall-estensjoni tal-proġett ta' Triq Santa Dminka mal-awtoritajiet konċernati biex jiġi żgurat li l-proġett jiġi komplut u mplimentat b'suċċess.

15.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li l-Kunsill ottjena fondi Ewropej tal-programm LEADER amministrat mill-Gozo Action Group Foundation miżura numru 4 : "Rejuvinating Gozo", l-amministrazzjoni tal-Kunsill għaddejja b'ħidma kontinwa biex jintlaħqu d-dati ristretti biex dan il-proġett jiġi komplut. Hu fakkar kif b'dan il-proġett il-Kunsill Lokali ser jibdel il-bankijiet tal-konkos u l-*picnic tables* ta' matul ix-xtajta tax-Xlendi, kif ukoll il-*planters* ta' Triq il-Kantra. L-NGOs imsieħba fil-proġett, is-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin u Munxar Falcons FC, ser jimmodernizzaw is-sistemi tagħhom u jakkwistaw tagħmir sportiv.

15.5.3 Is-Sindku fakkar lill-membri dwar inizjattivi li huma ppjanati għal matul ix-xhur tas-Sajf fix-Xlendi li jinkludu:

- il-programm "I Love Xlendi" fil-Ħdud;
- "Gozo Ceramics Festival" nhar it-2 t'Awwissu;

Kunsill Lokali Il-Munxar

- “X’Ra il-Baħar” nhar it-8 t’Awwissu b’kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Għawdex;
- “Xlendi Sunset Festival” nhar id-9 t’Awwissu b’kollaborazzjoni mal-NGOs tal-lokalita’;
- L-*open weekend* tat-Torri tax-Xlendi b’kollaborazzjoni ta’ Heritage Malta nhar is-16 u s-17 t’Awwissu;
- Il-Ġostra tradizzjonali nhar is-17 t’Awwissu;
- “Shipwreck Festival” nhar id-29 u t-30 t’Awwissu b’kollaborazzjoni ma’ Heritage Malta.

## 15.6 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements għas-sena 2024;

15.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*audited financial statements* għas-sena 2024 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri wara l-proċess ta’ verifika mill-awdituri.

15.6.2 L-*audited financial statements* għas-sena 2024 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 15.7 Sejħiet għall-offerti;

15.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li hekk kif maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill reġa’ ippubblika sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-bdil ta’ żewġ siġar tal-palm fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Kien hemm qbil mil-membri sabiex il-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul mill-konsulent William Sultana u l-Accountant Daniel Galea bħala evalwaturi filwaqt li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala *Chairperson* u Segretarju tal-bord.

15.7.2 Dwar is-sejħa għall-offerti għat-tneħħija u r-rimi tal-bankijiet tal-konkos li hemm preżentement u għall-akkwist ta’ oħrajn ġodda magħmula mill-ġebla tal-qawwi, is-Sindku għarraf lill-membri li bħalissa għaddej il-proċess tal-evalwazzjoni u l-bord mistenni jressaq ir-rakkommandazzjoni tiegħu fil-jiem li ġejjin.

Kunsill Lokali Il-Munxar

## 15.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

15.8.1 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' Kulturali "X'Ra il-Baħar" organizzata mill-Kunsill Reġjonali Għawdex f'Xatt ix-Xlendi – 8 ta' Awwissu 2025;
- Il-Ġostra Tradizzjonali fil-Bajja tax-Xlendi – 17 ta' Awwissu 2025;
- Attivita' Kulturali "The Shipwreck Festival" organizzata minn Heritage Malta nhar id-29 u t-30 ta'Awwissu 2025 f'Xatt ix-Xlendi;

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u approva l-permessi ġaladarba l-Kunsill jirċievi *no objection* tal-Pulizija u ta' Transport Malta fejn applikabbli.

15.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Malta Tourism Authority b'talba sabiex issir sessjoni ta' *filming* fit-Torri tax-Xlendi nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju 2025 u fl-istess ħin ipproponew sabiex isir *picnic setting* għall-istess nies. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir sessjoni ta' filming iżda l-proposta għall-*picnic setting* ġiet irrifjutata.

15.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Gozo Action Group Foundation b'konferma u approvazzjoni għat-tibdil u r-reviżjonijiet proposti fil-proġett li qed isir b'fondi ewropej taħt il-miżura numru 4 : "Rejuvinating Gozo".

15.8.4 Ċirkulari DGL 03/2025 – Allowances għall-President tal-Kunsilli Reġjonali, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.8.5 PQ 29652 - Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali – Remote wroking / Teleworking. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

15.8.6 Ċirkulari Nru AKL 2025/042 – Blue Heart Campaign : Request to Light up Local Councils and main buildings in blue (28, 29, 30 July). Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.8.7 Ċirkulari Nru AKL 2025/043 – Grill and Glow Summer BBQ 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

Kunsill Lokali Il-Munxar

15.8.8 Ċirkulari Nru AKL 2025/044 – Group Life Policy 2025/2026 għall-Membri Eletti. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġġedded din il-polza.

15.8.9 Ilment 38/2025
Resident jiġbed l-attenzjoni ta' kanni fil-blat li jistgħu jkunu ta' periklu għall-pubbliku kif ukoll jitlob l-intervent tal-Kunsill fir-rigward tal-għeluq għall-għawm tal-bajja tax-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li l-kanni li qed jirreferi għalihom huma fejn jiġi nstallat l-arblu tal-ġostra tradizzjonali filwaqt li fakkar li l-bajja reġgħet miftuħa għall-għawm kif mgħarraf aktar qabel. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jieħu l-azzjoni neċessarja wara li jiżżarma l-arblu tal-ġostra din is-sena biex jitneħħa xi periklu li jista' jkun hemm bil-kanni msemmija.

15.8.10 Ilment 39/2025
Talba sabiex tiġi nstallata tabella biex tgħarraf lir-residenti fl-inħawi ta' Triq Kolaci fil-Munxar biex ma jitfgħux ikel lill-qtates li mhux apposta għalihom. Kien hemm qbil mill-membri sabiex ir-residenti jiġu mgħarrfa individwalment minflok issir tabella.

15.8.11 Ilment 40/2025
Residenta tiġbed l-attenzjoni dwar ilma maħmuġ ħiereġ minn proprjeta' privata li qed jispiċċa mal-ħajt tagħha. Kien hemm qbil sabiex dan l-ilment jgħaddi għand id-Dipartiment tas-Sanita' fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar, fl-istess waqt din ir-residenta għandha tara ssibx lis-sid tal-proprjeta' msemmija.

15.8.12 Ilment 41/2025
Persuna tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex it-taraġ li jgħaqqad Triq Puniċi ma Triq San Xmun fix-Xlendi jitnaddaf aktar ta' spiss. Il-Kunsill innota l-kontenut ta' dan is-suġġeriment.

15.8.13 Ilment 42/2025
Resident jitlob sabiex jitneħħa s-*single yellow line* quddiem il-garaxx tiegħu sabiex ikun jista' jipparkja l-vettura tiegħu stess. Kien hemm qbil mill-membri sabiex dan l-ilment jgħaddi għand Transport Malta.

15.8.14 Ilment 43/2025
Residenta ressqet talba sabiex tiġi nstallata bozza ġdida f'Triq Biżantini fix-Xlendi, fuq in-naħa ta' ġewwa. Hija qalet ukoll li l-katnazz tar-rixtellu ta' Villa Busietta ġie sgassat u li f'dak il-post qed jintrema ż-

Kunsill Lokali Il-Munxar

żibel. Barra minn hekk, talbet li ssir manutenzjoni tal-bankina tal-lukanda fi Triq Puniċi, kif ukoll li jsir aktar tindif f'Pjazza Anfori fix-Xlendi.

Dwar il-bozza f'Triq Biżantini, is-Sindku informa lill-membri li diversi residenti oħra tal-istess triq qegħdin jopponu l-installazzjoni tagħha minħabba li tkun qrib ir-residenzi tagħhom. Rigward l-isgass tal-katnazz, il-membri qablu li dan l-ilment għandu jiġi riferut lill-Pulizija tal-Komunità.

Fir-rigward tal-bankina fi Triq Puniċi, is-Sindku fakkar li hemm permess approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex is-sit jitwaqqa', u għalhekk ma jagħmilx sens li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuqha. Fl-aħħar nett, dwar il-kwistjoni ta' aktar tindif f'Pjazza Anfori fix-Xlendi, il-membri qablu li terġa' tintalab l-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-Public Cleansing fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

15.8.15 Ilment 44/2025

Talba sabiex jinżebgħu *double yellow lines* ta' metru kull naħa tal-entratura tal-garaxxijiet ta' blokk appartamenti fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

## 15.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

15.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 15/2025-9 għall-perjodu bejn is-27 ta' Ġunju 2025 u l-15 ta' Lulju 2025 li tammonta għal €39,912.35 ġiet approvata u ffirmata. Il-Kunsillier John Cassar kien il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Farrugia s-sekondant.

## 15.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 21 ta' Awwissu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Il-Munxar